**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 4 ta' Mejju 2021.**

**Rikors nru: 124/18AGV**

**AB**

**vs**

**CD**

**Il-Qorti**

**Rat ir-rikors guramentat ta' AB** li ppremettiet is-segwenti:-

1. Illi l-kontendenti kellhom relazzjoni minn liema twieldu l-minuri EDB fl-24 ta' Ottubru, 2013 u FDB fl-14 ta' Novembru, 2016 (ara certifikat tat-twelid hawn annessi u mmarkati bhala Dok. A u B rispettivament).

2. Illi l-konvenut huwa persuna pikuza u huwa vjolenti fizikament u emozzjonalment fil-konfront tal-esponenti.

3. Illi minhabba l-agir tieghu, l-esponenti tterminat ir-relazzjoni taghhom. Illi minn minn meta tterminaw ir-relazzjoni, il-konvenut rega' kien vjolenti mal-esponenti u kif ukoll beda jirrifjuta li jiffirma d-dokumenti bazici ghall-gid tal-minuri.

4. Illi inoltre, huwa qatt ma offra xi tip ta' manteniment ghall-istess tfal u kien biss bl-intervenzjoni tal-qorti li huwa qed ighaddi somma mensili. Illi inoltre huwa ma hux konsistenti fil-hlas tieghu ta' nofs l-ispejjes ta' sahha u edukazzjoni.

5. Illi konsegwentement, l-esponent kienet kostretta taghlaq il-proceduri ta' medjazzjoni.

6. Illi, ghaldaqstant, huwa fl-ahjar interess tal-minuri li hija tkun fdata bil-kura u kustodja tal-istess.

7. Illi l-esponenti giet debitament awtorizzata biex tipprocedu f'din l-istanza permezz ta' digriet moghti minn dina l-Onorabbli Qorti datat 13 ta' April. 2018 (ara digriet hawn anness u mmarkat bhala Dok. C).

8. Illi l-fatti hawn iddikjarati tafhom hi personalment.

Ighid ghalhekk il-konvenut ghar-ragunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportun, ghalfejn m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:-

1. Tafda l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri EDB u FDB f'idejn l-esponenti u tawtorizzaha sabiex tiehu kwalunkwe decizjonijiet relatati mal-hrug tal-passaporti, mas-safar, mas-sahha u mal-edukazzjoni tal-imsemmija minuri u dan kif ser jigi stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti.

2. Tiffissa u tillikwida ammont adegwat ta' manteniment li ghandu jigi pagabbli mill-konvenut ghall-minuri u jibqa' hekk pagabbli sakemm l-imsemmija minuri jaghlqu l-eta' ta' 18-il sena u jekk jieqfu mill-iskola u jibdew jahdmu bi qliegh jew sa 23 sena jekk il-minuri jiddeciedu li jibqghu jistudjaw fuq bazi full-time, kif ukoll tordna illi dawn l-alimenti jigu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegh il-konvenut mill-impjieg jew xoghol jew kwalunkwe beneficcju li qed jippercepixxi l-konvenut u jigu depozitati f'kont bankarju indikat mill-esponenti u tipprovdi dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment ghandu jigi rivedut u jawmenta kull sena sabiex jirrifletti z-zieda fl-gholi tal-hajja.

3. Tordna lill-konvenut sabiex ihallas nofs l-ispejjez relatati mas-sahha u mal-edukazzjoni tal-istess minuri inkluz, u mhux limitatament, uniformijiet, transport, donations, privatijiet u kwalunkwe spejjes ohra relatati mal-edukazzjoni, inkluz spejjes relatati ma' attivitaijiet extra-kurrikulari tal-minuri.

4. Tordna lill-konvenut ihallas arretrati ta' manteniment u ta' spejjez ta' sahha u edukazzjoni, kif ser jigi ppruvat matul il-kawza.

5. Tiffissa access ghall-konvenut ghaz-zewgt ulied minuri fl-ahjar interess tal-minuri.

6. Tordna l-allegazzjoni tal-atti tal-medjazzjoni numru 161/17.

7. Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirregistra fir-Registru Pubbliku ta' Malta l-eventwali sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti.

Salv provvedimenti ohra li jidhrilha xieraq u gusti.

Bl-ispejjez u imghaxijiet kollha kontra l-konvenut, inkluz l-proceduri ta' medjazzjoni, li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

**Il-Qorti rat ir-Risposta guramentata ta' CD** li eccepixxa s-segwenti:-

1. Illi l-esponenti jecepixxi li l-kura u kustodja tal-minuri ghandha tkun wahda kongunta, biss jikkoncedi li l-ulied ighixu mal-omm.

2. Illi huwa ghandu jkollu access liberu u ampju u jekk tali access ikun kwantifikat bi granet u hinijiet dana ghandu jkun wiehed frekwenti.

3. Illi ghall-finijiet ta' spejjez ta' dawn il-proceduri, assolutament mhux minnu li l-eccipjenti qatt xi darba kien vjolenti kif gie allegat, anzi huwa dejjem ikkoopera u zamm mad-digrieti li nghataw qabel ma' nbdew dawna l-proceduri.

4. Illi in kwantu ghall-manteniment, l-esponenti m'ghandux diffikulta' li dan jithallas kif dejjem sar, b'dana illi r-rata ghandha tkun wahda li tirrifletti d-dhul tal-eccipjenti. Di piu' l-intimat jikkontendi li ma ghandu ebda arretrati xi jhallas stante li huwa dejjem ghamel il-pagamenti kif suppost.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

**FATTI**

1. L-attrici kienet iltaqghet mal-konvenut f'Lulju, 2012. Bdew johorgu flimkien ghall-habta ta' Novembru, 2012 u kienet harget tqila fi Frar, 2013. Tghid li l-konvenut kien jidher kuntent, kif ukoll il-genituri taghha offrewlha hafna sapport, tant li anke rrangawlhom post tan-nanniet taghha f' Bugibba.

   Tghid li l-inkwiet beda meta marru joqoghdu Bugibba u l-konvenut kien hebb ghaliha minghajr ebda raguni. Wara li avzat il-genituri taghhom kienu marru ghandhom biex jitkellmu u riedet tkun taf jekk dan il-komportament tal-konvenut kienx normali. Ommu kienet qalet li jekk kemm il-darba kien jirrabja kellu l-vizzju li jghajjat f'wicc dak li jkun.

   L-attrici tispjega kif hasbet jekk ghandix twaqqaf ir-relazzjoni taghhom, izda kellha biza' li kienet ser issir omm u trabbi t-tarbija wahedha minghajr missierha. Ghalhekk iddecidiet li taghtih cans iehor. It-tifel E twieled fl-24 ta' Ottubru, 2013 u tghid li l-konvenut ma bedix ifittixha, izda iktar beda jfittex nisa ohra. Minn hawn il-glied beda jizdied u kellha anke tirrikorri ghand l-Agenzija Appogg minhabba l-vjolenza domestika u dak iz-zmien b'mod anonimu, biex tipprova tirranga s-sitwazzjoni ghax verament xtaqet li trabbi lil binha f'ambjent u struttura familjari.

   L-attrici ssemmi diversi incidenti ohra li sehhew u waslu fl-estrem li l-konvenut kien jerfa' idejh fuqha anke quddiem it-tifel minuri u kien jheddiha kontinwament. L-iktar kienu jargumentaw ghax ma kienx ighinha

u kellhom it-tifel il-kbir, kienet tqila biz-zghir u kienet qed tistudja ukoll. Jekk kien ikun id-dar kien iqatta' iktar hin jilghab playstation.

Fi Frar, 2015, kien marru jghixu gewwa l-appartment li missierhom kien bnielha. Minn hawn il-genituri taghha kienu jisimghuhom jiggieldu u kienu jintervejnu. Dwar l-ispejjes sabiex ilestu d-dar kemm hi kif ukoll il-konvenut kienu jikkontribwixxu ghall-ispejjes. Hi kienet tahdem ukoll part-time u tghid li kienet wirtet liz-zijitha.

Fl- Ghid tas-sena 2016, kienet indunat li kienet qed tistenna t-tieni tarbija u kienet ghadha ma spiccatx l-Universita'. L-argumenti u l-iswat baqghu ghaddejjin anke tul it-tqala u sahansitra darba meta kienet riesqa lejn tmiem it-tqala kienet spiccat bil-*contractions* bl-argumenti u kienet spiccat l-isptar.[1]

F'dik is-sena stess tghid li kienet spiccat tahbi c-cwievet sabiex tkun tista' tinghalaq go kamritha meta l-konvenut kien ser ikun aggressiv maghha. Is-sitwazzjoni baqqghet l-istess sakemm iddecidiet li tittermina r-relazzjoni.

L-attrici tkompli tghid li tul il-perjodu li ghaddiet  minn dan kollu, kienet qed trabbi zewgt itfal zghar, tistudja u tikteb it-tesi, tattendi l-universita' u anke tiehu hsieb id-dar, bir-rizultat li E kien spicca kellu problemi ta' *speech delay* u *sensory issues* u dan minhabba li kien qed jigi trawmatizzat bil-vjolenza li kien qed jara fid-dar. Dan setghet tikkonfermah ghax wara li telqet mid-dar, il-problemi ta' E qalbu ghall-ahjar.

Spiccat ukoll bi problemi ta' sahha peress li ma kinitx qed tistrieh bizzejjed.

[1] Ara Doks. NB 1 – NB 2

L-ahhar incident li wassalha sabiex tiehu d-decizjoni li titlaq kien meta fl-20 ta' Jannar, 2017, gimgha wara l-Maghmudija ta' F, il-konvenut kien qabad u ha €700 mir-rigali li kien qala' t-tifel sabiex jixtri televixin gdid. Kellhom xi jghidu u tghid li waqqghet xi mishun fuq idejh u rreagixxa billi mbuttaha b'forza u spiccat li wegghet l-ispina ta' daharha u rwiet l-ghaksa. Kien hadha ghand il-Mosta Health Centre u skond l-attrici sabiex ma tikxfux. Kienet baqghet migugha ghal ftit zmien u kienet ikkonfrontat lill-konvenut u avzatu li kellu jfittex l-ghajnuna minhabba r-rabja inkontrollabbli tieghu. Lanqas kien ighinha dak iz-zmien, anzi kien joqghod jilghab il-playstation. Kienet tkellmet ma' Marisa (D.V.U) l-Appogg li nfurmatha li ma setghetx tizfurzah imur ghall-ghajnuna. Kien attenda darba l-Managing Abusive Behaviour Course, izda ma marx izjed ghax baqa' jinsisti li ma kellux tort.

Hamest ijiem wara dan l-incident il-konvenut beda jirrabja ghax ma kinitx qed taghmel faccendi u kien ghalhekk li kienet bdiet tnehhi certi affarijiet mid-dar. Dakinhar kien intervejna missierha u kien talab lill-konvenut biex jitlaq la darba kien baqa' jinsisti li tort tieghu li r-relazzjoni ta' bejniethom ma kinitx miexja tajjeb. Kien telaq u l-attrici tghid li kienet hallietu jara lit-tfal, imma ma ppermettitx sleepovers u dan minhabba li F kien ghadu breastfeeding. Tul dan il-perjodu, il-konvenut ma kienx qed ihallas manteniment u lanqas ghall-ispejjes edukattivi u tas-sahha, ghajr ghal €20.

L-attrici tametti li dan kien zmien difficli ghaliha u dan anke finanzjarjament u emottivament u kien ghalhekk li kienet iddecidiet li tapplika mal-Gvern bhala ghalliema u giet accettata. Peress li kellha taghmel l-arrangjamenti ghat-tifel minuri Jake biex jattendi c-childcare, il-

konvenut irrifjuta li jikkoopera maghha u jiffirmalha d-dokumenti u spiccat kellha tirrikorri l-Qorti sabiex tordnalu li jiffirma dawn id-dokumenti.

L-attrici zzid tghid li l-konvenut jaghmlilha hajjitha difficli jew icempel biex ikellem lit-tfal meta jkun jaf li jkunu reqdin. Jew ighidlha li ser imur ghat-tfal u ma jmurx. Kien inqala' incident ukoll meta kien hemm il-kuncert tal-Milied tat-tifel E u billi l-attrici ghalliema fl-istess skola kienet stiednet ukoll il-partner taghha G u l-konvenut kien irrabbja u mar jirraporta lill-headmistress u beda jibghatilha messaggi u jheddidha.[2]

L-attrici tinsisti li minhabba l-atteggjament u komportament tal-konvenut, mhux persuna idoneja biex jigi fdat bil-kura u kustodja tal-minuri,

**<u>ACCESS</u>**

Dwar l-access, l-attrici tikkonferma li l-Qorti ordnat li l-konvenut ikollu access ghall-minuri kull nhar ta' Tlieta u Hamis bejn l-4 pm u s-6.30 pm u fil-weekend kull nhar ta' Sibt u Hadd bejn l-10 am u s-6 pm b'mod alternattiv.

L-ilment tal-attrici huwa li l-konvenut jaghmel gimaghtejn imur ghat-tfal u t-tielet gimgha jghid li ma jistax peress li jkun xoghol u ma jmurx ghat-tfal. Gieli anke jasal tard ghat-tfal anke jekk ma jkunx rahom ghal gimgha.

L-attrici minflok qed tipproponi li l-access jigi ezercitat:-

i) Kull nhar ta' Erbgha u Gimgha bejn l-4 pm u s-6.30 pm;

[2] Ara Dok. NB 6

ii) Sleepover bejn l-gimgha u s-Sibt mill-4pm sal-4 pm u mis-Sibt sal-Hadd bejn l-4 pm sal-4 pm b'mod alternattiv.

**MANTENIMENT**

Skond digriet tat-22 ta' April, 2017, il-Qorti ordnat lill-konvenut ihallas is-somma ta' €400 kulll erba' gimghat. L-attrici tilmenta li dan l-ammont mhux sufficjenti ghaliha ghax tikkalkola li ghandha bzonn cirka €968 kull xahar ghall-bzonnijiet tat-tfal.

L-attrici tikkonferma li hi ghandha impjieg full-time u taqla' €1, 362.71 kull xahar u wara li tircievi l-manteniment minghand il-konvenut ikun baqalha €794.11. Tghid li thallas ukoll life insurance ta' €220 kull xahar u ghandha ukoll l-ispejjes tal-psikologa u cioe' €160 kull erba' gimghat u ghalhekk jibqalha f'idejha €409.11. Tinsisti li l-ammont ta' €400 mhuwiex bizzejjed u dan peress li l-konvenut jahdem overtime u shifts wara nofisnhar u ghalhekk titlob li l-ammont ta' €250 ghal kull wild ikun iktar gust.

L-attrici qed titlob li l-konvenut ihallas is-somma ta' €74.06 bhala shehemu ta' nofs l-isepjjes edukattivi u tas-sahha u dan peress li minkejja li gie ordnat li jhallashom qatt ma ghamel dan. Inoltre, qed titlob il-hlas ta' manteniment ghall-perjodu bejn Jannar, 2017 u April, 2017.

2. Il-konvenut ighid li kien iltaqa' mal-attrici tramite *online chatting portal.* L-inkwiet bejniethom beda l-iktar minhabba li skond l-attrici l-konvenut kien iqatta' hafna hin ix-xoghol u anke fl-appartament li kien tahom missier l-attrici.

L-ewwel problemi serji kienu meta l-attrici kienet harget tqila bit-tieni wild, li ma kinitx ippjanata. Jekk kienu jkollhom xi argument, l-attrici kienet issir aggressiva u dispregjattiva fil-konfront tieghu, Kienet tghajjru ghax kien jahdem hafna u jghid li ma kellux alternattiva peress li kellu jmantni zewgt itfal, kif ukoll kellhom l-ispejjes tal-post. Apparti minn hekk kien jerfa' hafna responsabbilitajiet fid-dar, kif ukoll mat-tfal, izda xorta kienet tghajjru. Jinnega li ma kienx ighinha u jghid li gieli kien jilghab playstation u l-attrici kienet tmur tipprovokah u tghajjat f'wiccu.

Fl-ahhar ta' Jannar, 2017, il-konvenut isemmi incident li sehh bejniethom wara li l-attrici waddbtilu bottle mishun tat-tifel u nstamat. Ighid li l-attrici kienet bdiet tghajjru li ma kienx kapaci jiehu hsieb it-tfal u spiccat bdiet takkuzah li waqghet minhabba fih. Kien hadha l-clinic peress li qalet li daharha kien qed jugaghha.  Dan wassal sabiex dakinhar filghaxija, missier l-attrici mar ghandhom biex ikeccih u kien mar ighix ghand ommu u kkonferma li kien fetah kawza ghall-ispejjes li kien nefaq fil-post.

Il-konvenut jammetti li minn dejjem kien jahdem *full-time* sabiex izomm lil familtu u sakemm kien mal-attrici, kien ihallas l-ispejjes kollha, peress li l-attrici kienet ghadha qed tistudja l-Mcast. Gieli hallset xi halib u xi affarijiet zghar.

Xi xahrejn wara li kienu telqu lil xulxin, sar jaf li l-attrici kienet ghamlet rapport l-Ghassa tal-Qawra fejn akkuzatu ta' swat. Dak iz-zmien, prattikament wara xahar diga' kellha relazzjoni ma' terza persuna li kien ighix maghha u kienet bdiet tivvinta l-iskuzi u tigdeb fuqu biex issib skuzi biex titilqu.

Wara li nfirdu jghid li l-attrici ma kinitx qed tghaddilu l-hwejjeg u zraben tat-tfal meta kien imur jigborhom, tant li apparti l-ispejjes tal-manteniment kien ikollu jhallas ghal dawn l-ispejjes ukoll. Fil-fatt, kien hemm diversi rapporti bejniethom.

Il-konvenut ighid li l-attrici baqghet taqla' l-polemiki u dejjem issib l-iskuzi sabiex ma thallix ikellem lit-tfal u kienet anke bblukkjatu minn messenger sabiex ma jibghatx video lit-tfal. Kienet qed tibghatlu ukoll lit-tfal b'ilbies mhux decenti.

Il-konvenut jikkonferma li ghandu access kull nhar ta' Tlieta mill-4 pm sas-6.30 pm u nhar ta' Hamis mill-4 pm sas-6.30 pm u matul il-weekends b'mod alternattiv darba s-Sibt u darba l-Hadd mill-10 am sas-18.30 pm.

Ighid ukoll li bhala manteniment ihallas is-somma ta' €400 kull erba' gimghat ghall-minuri, oltre l-ispejjez edukattivi u tas-sahha. Jichad li hemm arretrati xi jhallas.

3. HB omm l-attrici tghid li ltaqghet mal-konvenut meta l-attrici kienet spiccat l-isptar. Kienet indunat li kienet qed tkellem lil xi hadd peress li kienet bdiet taqta' miz-Zghazagh Azzjoni Kattolika fejn kienet volunteer leader. Bdiet anke taqta' minn mal-hbieb.

Tghid li kienet accettat it-tqala meta saret taf u ppruvat tghin lill-attrici kull fejn setghet. Kienu rrangawlhom il-post tal-genituri tar-ragel Bugibba u marru jghixu flimkien. Hawn kellhom l-ewwel argument u l-attrici kienet talbithom biex imorru ghandhom flimkien mal-genituri tal-konvenut. Bdiet tinduna li l-glied ma kienx waqaf u kienet tismaghhom meta marru joqoghdu fuqhom il-Mosta.

Omm l-attrici tikkonferma l-incidenti li ssemmi bintha u li riedet titkellem mal-Appogg. Il-konvenut ma riedx jikkoopera u kien spicca mar ikellmu missier l-attrici u spiccaw kellhom xi jghidu u missierha talbu biex jitlaq.

Omm l-attrici tikkonferma li bintha taghmel hilitha biex tiehu hsieb lit-tfal u tedukahom u tipprova tlahhaq kollox wahedha, filwaqt il-konvenut dejjem johloq l-intoppi, imur tard ghat-tifla jew jikkancella fl-ahhar minuta. Jittardja fil-hlas ta' manteniment u jirrifjuta li jhallas ghall-ispejjes ta' edukazzjoni u sahha u jispiccaw bil-glied biex ihallashom. Tikkonferma ukoll li l-konvenut ma riedx jiffirma sabiex l-attrici setghet tibghat lil Jake child care meta ddecidiet li tibda tahdem.

4. IB missier l-attrici, ikkonferma l-verzjonijiet kemm tal-attrici, kif ukoll ta' martu HB sakemm il-konvenut telaq mid-dar matrimonjali. Ighid li l-attrici kienet thallih jara lil uliedu kull meta ried sakemm il-Qorti ddecidiet fuq il-hinijiet.

   Il-konvenut kien qed ikun vendikattiv u jaghmel hajjet l-attrici difficli, pero' ugwalment id-decizjoni tal-attrici li titlaq il-konvenut, kienet l-iktar decizjoni ghaqlija li ghamlet u dan ghaliex il-konvenut qatt ma wera rimors ta' dak li kien ghamel, kif ukoll qatt ma fittex l-ghajnuna. Ir-raguni l-ohra hija li minn mindu l-koppja nfirdet, il-minuri Kieran ghamel progress kbir fl-edukazzjoni kif ukoll fit-tahdit.

   Izid ighid li jixtieq jara lill-attrici w uliedha kuntenti u komdi, izda dan difficli peress li xi kultant, il-konvenut jasal tard ghat-tfal jew ibiddlilhom l-affarijiet.

5. Johanna Bartolo, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. ikkonfermat li kien hemm seba' kontijiet bankarji.[3]

6. Ivan Cilia, in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali, ipprezenta dokumentazzjoni dwar « unemployment assistance,[4] ic-childrens allowance li tircievi l-attrici,[5] kif ukoll l-injury benefit li rcieva l-konvenut.[6][7]

7. Marisa Russo, social worker mad-Domestic Violence Unit, ipprezentat rapport fuq allegazzjoni ta' abbuz fiziku da parti tal-attrici.

8. Joseph Saliba in rapprezentanza ta' Jobs Plus pprezenta l-employment history tal-konvenut.[8]

9. Jacqueline Micallef, psychotherapist tikkonferma li bdiet tara lill-attrici sa mis-sena 2018 u kienet ghada tattendi sezzjonijiet. Meta bdiet taraha kienet stressed u anzjuza hafna. Tghid li bdew jahdmu fuq ir-relazzjoni taghhom. L-ilment taghha kien li kienet qed tigi abbuzata kemm verbalment kif ukoll fizikament minghand il-konvenut u kienet telqet wara glieda kbira u kien sabbatha mal-koxxa tal-bieb u wegghet darha u sieqha. Hawn qaghdet fuq il-verzjoni attrici.

   Tghid li l-attrici llum ahjar, pero' peress li l-partner taghha jsiefer ta' spiss ikollha ansjeta' minhabba issues ta' abbandun.

---

[3] Ara Dok. EZ 1 – EZ 7
[4] Ara Dok. ICD 1
[5] Ara Dok. ICD 2
[6] Ara Dok. ICD 3
[7] Ara Dok. MR 1
[8] Ara Dok. JS1 – JS 2

Tghid ukoll li peress li l-konvenut mhux dejjem isegwi l-access, joholqilha hafna stress peress li ma tistax tippjana hajjitha.

10. Lorraine Agius in rapprezentanza tal-Agenzija Appogg Managing Abusive Behaviour, fejn tahdem bhala coordinator u social worker xehdet fuq ir-rekords li kienet ghamlet Pauline Borg, social worker ohra. Kien mar ghand is-social worker peress li kien hemm argument mal-attrici, li wara li waddbitulu bottle mishun tat-tarbija, sabiex jevita li jkun aggressiv kien mar jahsel lit-tifel. L-attrici baqghet isegwih u mbutaghha u wegghet daharha mal-hajt, tant li kellu jehodha l-isptar. Ma riedx jiehu s-servizz taghhom u dan peress li ghalih ma kienx aggressiv u kien agixxa biss in self-defence.

11. PC 1075 Malcolm Cefai pprezenta sitt rapporti.[9]

12. Estelle Farrugia, *speech language therapist* ikkonfermat li kienet rat lil E, meta gie riferut lilha ghall-ispeech therapy u dak iz-zmien kellu sentejn u nofs. Il-kaz gie riferut lilha bhala wiehed ta' *developmental language delay* peress li l-minuri kellu ftit ftehim tal-lingwa u ftit li xejn espressjoni verbali.

Meta bdew l-assessment ma setghetx tiftakar jekk kienux imorru z-zewg genituri, izda li hu zgur kien li l-minuri Kieran kien dejjem jigi akkumpanjat mill-LSA tieghu.

Tikkonferma li damet tara lill-minuri ghal xi sentejn u nofs u kienet rat kambjament kbir u wara li kienet ilha ssegwih u kienet ser tati *handover* il-minuri kellu *multi word awareness*, u cioe' beda jghaqqad il-kliem flimkien, biex jaghmel il-frazijiet.

13. Spettur Sylvana Gafa' hija stazzjonata mal-Victim Support Unit u kienet bdiet ssegwi lill-attrici mill-21 ta' Frar, 2017. Kienet marret tkellimhom fuq ir-relazzjoni mar-ragel taghha u li kien hemm incidenti ta' abbuz. Kienet avzataha li jekk ser issemmi l-abbuz domestiku ma kellhiex alternattiva ghajr li taghmel rapport. Dak iz-zmien l-attrici kienet tidher hazin u fizikament ghajjiena hafna.

14. Helga Cassar Parnis, Hr Generalist ipprezentat dokumentazzjoni relatati mal-impjieg tal-konvenut.[10]

15. PC 1376 Angelo Camilleri pprezenta l-fedina penali tal-konvenut. [11]

16. Eliza Vella, *speech therapist* gewwa l-iskola Primarrja tal-Mosta kkonfermat li kienet bdiet tara lill-minuri E f'Ottubru, 2018 u ghamlet assessment minn zmien il-handover u bdiet tahdem mieghu.[12]

17. Fransina Azzopardi, bhala LSE tal-minuri E, esebit il-file taghha fil-konfront tal-istess minuri.[13]

---

[10] Ara Dok. CP 1.

[11] Ara Dok. AC1

[12] Ara Dok. EV 1

[1313] Ara Dok. FA1 – FA2

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**KURA U KUSTODJA**

Il-Qorti taghraf illi skond il-gurisprudenza, l-kura u kustodja tat-tfal hija regolata mill-principju tal-aqwa interess tat-tfal u l-aqwa utilita' u l-akbar vantagg ghall-interess tal-istess tfal. Fis-sentenza **Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Novembru, 2003 intqal illi:-

***"apparti l-hsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li ghandhom setgha fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in generali, il-principju dominanti "in subjecta materia," li jiddetermina normalment u generalment il-kwistjonijiet bhal din ix-xorta f'dina l-kawza, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantagg u interess tal-istess minuri fl-isfond tac-cirkostanzi personali u "de facto" li jkunu jirrizultaw mill-provi tal-kaz li jrid jigi rizolut…."***

Skond is-sentenza fl-ismijiet **AB vs CD** deciza minn din il-Qorti diversament preseduta fit-23 ta' Frar, 2018:-

***"Il-Qorti ghaldaqstant, ghandha s-setgha illi jekk ikun fl-ahjar interess tal-minuri, tafda wiehed biss mill-genituri bil-kura u kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kodici Civili. Illi kif kellha l-okkazzjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-genituri. "Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem taghti piz ghad-drittijiet tal-genituri, l-interess suprem li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mghallma mill-gurisprudenza kostanti taghna huwa 'l fuq iccitata."***

L-attrici qed tikkontendi li l-konvenut mhux il-genitur idonju sabiex ikollu l-kura u kustodja tal-minuri u dan peress li huwa persuna pikuza u vendikattiva u fuq kollox vjolenti. L-attrici ssemmi diversi incidenti, fejn il-konvenut kien refa' idejh fuq l-attrici. Il-glied partikolarment kien minhabba li l-attrici kellha hafna *stress* peress li kienet qed trabbi zewgt itfal zghar, kienet qed issegwi kors l-MCast u kellha tlahhaq mal-faccendi ukoll u l-konvenut kien joqghod jilghab il-playstation minflok ighinha. Il-konvenut jirribatti dan kollu u jinsisti li kien jerfa' r-responsabbilitajiet tieghu, jiehu hsieb it-tfal u jghin l-attrici anke bl-assignments taghha, izda jammetti li kien ighaddi xi hin jilghab playstation.

L-attrici xehdet li l-konvenut kien aggressiv u vjolenti sa mill-bidu li marru jghixu flimkien, tant li kellha titlob l-intervent tal-genituri rispettivi taghhom. Baqghet tirresisti peress li ma xtaqitx trabbi lil binha wahedha u minghajr struttura familjari.

Il-genituri tal-attrici kkonfermaw li kienu jisimghu hafna glied regolari meta l-partijiet kienu marru jghixu fl-appartament li kienu taw lill-attrici fil-blokka taghhom stess.

L-ahhar incident li wassal lill-partijiet biex jinfirdu kien wara l-konvenut jinsisti li l-attrici wadbitlu bottle mishun tat-tifel u nstamat. L-attrici tinnega dan u tghid li wara li argumentaw, il-konvenut kien imbuttaha u kienet wegghet daharha sew mal-bieb, tant li kienet migugha hafna u l-konvenut kellu jehodha l-polyclinic.

L-attrici tghid li l-unika raguni li akkumpanjaha kien sabiex jaccerta ruhu li ma kinitx ser tirraportah. Il-konvenut jirribatti dak li ssostni l-attrici. Kien

dakinhar li missierha talab lill-konvenut biex jiehu hwejjgu u jitlaq mid-dar taghhom. Mill-assjem tal-provi jirrizulta li kemm l-attrici, kif ukoll il-ġenituri taghha kienu ghajjew jarawha ggorr ic-cwievet ta' kull  kamra li tidhol fiha minhabba l-biza li kellha mill-konvenut.

L-attrici kienet taf li l-konvenut kien attenda ghall-sezzjoni wahda biss tal-Managing Abusive Behaviour u dan jikkonfermah hu stess, ghax minkejja li kien hemm kwistjoni ta' argument u l-attrici qalet li kien imbuttaha hu jinnega dan u jghid li mhux tort tieghu li garalha u ghalhekk ma kienx hemm il-htiega li jkompli jattendi dawn is-sezzjonijiet.

Marisa Russo mill-Agenzija Appogg, kif ukoll Jacqueline Micallef, psikologa kollha kkonfermaw li l-attrici kienet qed tbati minn abbuz fiziku, emozzjonali kif ukoll finanzjarju. Kienet ghaddejja minn hafna stress u kien  ghalhekk li kienet tara psikologa. Kellha hafna biza u ansjeta' u minn meta nfirdu, il-psikologa Jacqueline Micallef tghid li l-fatt li l-konvenut ma kienx dejjem izomm mal-hinijiet u granet tal-access, kien qed jikkaguna iktar *stress* lill-attrici li ssib ruhha ma tistax tippjana hajjitha.

Mir-rizultanzi processwali, il-konvenut jirribadixxi l-verzjonijiet tal-attrici u jikkontendi li l-attrici holqot hafna gideb fuqu u dan meta diga' kienet f'r elazzjoni meta telqitu u kienet ilha tippjana kollox.

Dina l-Qorti tosserva li mill-provi prodotti l-konvenut kien aggressiv u kkaguna hafna emozzjonijiet, bizghat u ansjetajiet fl-attrici minhabba l-komportament tieghu. Hafna minn dawn l-argumenti kienu jsiru quddiem it-tfal, in partikolari lil E u kien jibqa' trawmatizzat u dan kellu l-impatt tieghu fuq l-ispeech difficulties li kien qed ighaddi minnhom. Fil-fatt, kemm l-attrici kif ukoll il--- kkonfermat li wara li l-genituri tieghu ma

baqghux flimkien, it-tifel minuri E beda juri zviluppi pozittivi fl-ispeech tieghu.

Mill-provi ukoll jirrizulta li l-konvenut mhux dejjem hares l-interessi tal-minuri u dan meta rrifjuta li jiffirma sabiex it-tifel minuri F seta' jattendi c-childcare u dan sabiex l-attrici setghet tibda tahdem. Spiccat l-attrici kellha tghaddi minn martirju shih sakemm hadet digriet minn dina l-Qorti li awtorizzat lill-minuri jattendi c-childcare centre, Il-konvenut kien wera l-istess atteggjament fir-rigward tal-applikazzjoni ghall-hrug tal-passaport.

Il-Qorti tikkunsidra li effettivament anke jekk il-partijiet bejniethom kellhom hafna dizgwid u t-tnejn pjuttost ibatu minn temperament, il-konvenut iktar milli l-attrici, wera atteggjamenti li certament warrab l-interessi tal-minuri biex jiffavorixxi l-pika u l-vendetta. Din tippreokkupa li dina l-Qorti, iktar u iktar meta l-pinnur jindika li distakk miz-zewg genituri mmexxulu hajtu ghal E kien u jibqa' arrangjament pozittiv u fid-dawl ta' dan kollu, dina l-Qorti tiddeciedi li jkun fl-ahjar interess tal-minuri li l-kura u kustodja tibqa' eskluzziva ghall-attrici, kif ukoll rigward decizjonijiet ordinarji li jirrigwardaw l-edukazzjoni u s-sahha tal-minuri, b'dana pero' li l-attrici ghandha zzomm lill-konvenut bi kwalsiasi zvilupp li jista' jkun hemm.

**ACCESS**

Mir-rizultanzi processwali ma jirrizultax li kien hemm hafna problemi rigwardanti l-access, ghaliex l-attrici dejjem ippruvat iddur mar-rikjesti tal-konvenut sabiex tikkuntenah. Madanakollu, l-attrici semmiet li l-konvenut jikkonfondiha meta jkollu l-access, ghax jew ma jigix fil-hin jew ihallihom xi saghtejn jistennew.

Ukoll qed jevita l-access fit-tielet gimgha u l-gustifikazzjoni hija li ghandu x-xoghol u ma jkunx jista' jmur ghat-tfal.

L-attrici semmiet li t-tfal minuri jkollhom it-training kull nhar ta' Erbgha u jkollhom il-Muzew u ghaldaqstant, l-access kif kien ordnat minn dina l-Qorti ma jistax jibqa' adottat. L-attrici tissuggerixxi s-segwenti:-

i) Kull nhar ta' Erbgha u Gimgha bejn l-4 pm u s-6.30 pm;
ii) Sleepover bejn l-gimgha u s-Sibt mill-4pm sal-4 pm u mis-Sibt sal-Hadd bejn l-4 pm sal-4 pm b'mod alternattiv.

Peress li ma gietx irregistrata xi kontestazzjoni da parti tal-konvenut, dina l-Qorti se tghaddi biex tikkonferma dak propost mill-attrici.

**MANTENIMENT**

Fis-sentenza **Martina Galea vs Mario Galea** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar, 2019 inghad hekk:-

***"Il-manteniment tat-tfal, fil-verita' izjed milli dritt tal-genitur li qed jrabbihom, huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx mcahhdin minn dawk l-affarijiet li d-dinja tallum tikkunsidra bhala necessita' ghall-edukazzjoni u ghall-izvilupp taghhom.***

Fis-sentenza **TC vs RM** deciza minn dina l-Qorti kif diversament ippreseduta fl-24 ta' Gunju, 2019, Rik. Nru 272/2018 gie ritenut illi:-

"***…il-Qorti dejjem irriteniet illi l-genituri ma jistghux jabdikaw mir-responsabbilita' taghhom li jmantnu lil uliedhom materjalment, hu kemm hu l-introjtu taghhom, Dejjem kienet tal-fehma illi kull genitur ghandu l-obbligu li jmantni lil uliedu anke jekk il-mezzi tieghu huma baxxi jew jinsab dizokkupat. Il-Qorti ma tista' qatt taccetta li persuna ggib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabbilita' taghhom fuq il-genitur l-iehor jew inkella fuq l-istat."***

L-attrici qed tinsisti li l-ammont ta' manteniment li qed jinghata lill-minuri mill-konvenut u cioe' s-somma ta' €400 ghall-minuri kull xahar skond kif ordnat b'digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti datat 22 ta' April, 2017 u dan tenut kont tal-ispejjes li ghandha ghat-trobbija tal-istess tfal. Ipprezenta prospett fejn elenkat il-bzonnijiet tat-tfal u kkwantifikat is-somma ghall-ammont ta' €968.60 fix-xahar.

L-introjtu taghhom it-tnejn huwa prattikament l-istess fejn l-attrici taqla' €1362.71 fix-xahar u mix-xhieda prodotta mill-employer tal-konvenut Actavis Ltd. Gie ppruvat li jircievi ntrojtu ta' cirka €1,300, izda oltre dan huwa intitolat ghall-overtime u skond l-attrici, il-konvenut ghandu l-mezzi sabiex igemmgha ukoll, skond ma jirrizulta mill-kontijiet bankarji u dan mhux kontradett mill-konvenut.

L-attrici ssemmi ukoll li apparti mill-ispejjes tat-tfal, ghandha ukoll l-ispejjes taghha, kif ukoll thallas €225 fix-xahar ghal-life insurance.

Tenut ta' dan kollu u wara li kkunsidrat il-pretensjonijiet tal-attrici, dina l-Qorti thoss li l-konvenut ghandu jhallas is-somma ta' €450 (cioe' €225 kull wild), kif ukoll nofs l-ispejjes edukattivi u tas-sahha. In kwantu jirrigwarda dawn tal-ahhar, l-attrici pprezentat diversi rcevuti

fejn tikkontendi li l-konvenut ghandu jhallasha tal-arretrati fuq l-ispejjes edukattivi u tas-sahha. Il-konvenut jinnega dan pero’ ma pproduca ebda dokumentazzjoni in sostenn ta’ dan u ghalhekk jirrizulta li l-verzjoni attrici hija l-iktar wahda tenibbli. Ghalhekk dina l-Qorti tiddeciedi li ghandha takkolji l-pretensjoni taghha li l-konvenut ghandu jhallasha s-somma ta’ €228.39 bhala arretrati.

In kwantu jirrigwarda l-pretensjoni tal-attrici, fejn qed titlob li l-konvenut ihallasha manteniment fis-somma ta’ €200 ghal kull wild ghall-perjodu bejn Jannar, 2017 u April, 2017 u cioe’ qabel ma hareg id-digriet tat-22 ta’ April, 2017. Kif diga’ kellha okkazzjoni tesprima ruhha dina l-Qorti, fejn dejjem sostniet li l-obbligu tal-genitur huwa li jmantni lil uliedu anke jekk il-mezzi huma baxxi jew jinstab bla impjieg. Ghaldaqstant, jekk kemm il-darba ma kienx ghad hemm digriet, ugwalment, il-konvenut jibqa’ obbligat li jmantni lil uliedu. Considerando li l-ammont li qed tippretendi l-attrici huma prattikament il-minimu li generalment thobb tapplika dina l-Qorti u ghalhekk l-pretensjoni attrici f’dan is-sens ghandha tigi akkolta.

**DECIDE;**

Ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi:-

1. Tilqa’ l-ewwel talba attrici.

2. Tilqa’ t-tieni talba attrici in kwantu tordna lill-konvenut ihallas manteniment ghall-minuri E u F fl-ammont ta’ €450 u cioe’ l-ammont ta’ €225 ghal kull wild fix-xahar, liema somma ghandha tizdied kull sentejn b’ghoxrin Ewro (€20.00) fix-xahar, filwaqt li

tordna li dan ghandu jitnaqqas mill-paga tal-konvenut jew minn kwalsiasi beneficcju li jircievi.

3. Tilqa' t-tielet talba attrici u tordna li l-konvenut ghandu jhallas nofs l-ispejjes edukattivi u tas-sahha kif ukoll dawk extra-kurrikulari.

4. Tilqa' r-raba' talba attrici.

5. Tilqa' l-hames talba attrici in kwantu l-access ghandu jigi ezercitat darbtejn fil-gimgha u cioe' t-Tlieta u l-Gimgha mill-4 pm sas-6.30 pm u sleepover fil-weekend kull gimgha sas-Sibt mill-4pm u l-4 pm b'mod alternat kull gimgha,

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Onor. Imhallef Anthony J.Vella** **Registratur**